

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta l-1 ta' Lulju 2008 —  
Compagnie maritime belge vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-276/04) <sup>(1)</sup>

*(Kompetizzjoni — Abbuż ta' pożizzjoni dominanti kollettiva — Konferenza ta' linji marittimi — Deċiżjoni li timponi multa abbażi ta' deċiżjoni preċedenti annullata in parti mill-Qorti tal-Ġustizzja — Regolament (KEE) Nru 2988/74 — Terminu raġonevoli — Drittijiet tad-difiża — Ċertezza legali — Awtorità tar-res judicata)*

(2008/C 209/73)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Compagnie maritime belge SA (Antwerp, il-Belġju) (rappreżentant: D. Waelbroeck, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: inizjalment É. Gippini Fournier, P. Hellström u F. Amato, imbagħad É. Gippini Fournier, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/480/KE, tat-30 ta' April 2004, dwar proċedura skond l-Artikolu 82 KE (Każijiet KOMP/D/32.448 u 32.450) (miġjuba fil-qosor fil-ĠU 2005, L 171, p. 28), li timponi multa fuq ir-rikorrenti għal allegati abbużi ta' pożizzjoni dominanti kollettiva mwettqa mill-konferenza Cewal u, b'mod sussidjarju, għat-tnaqis ta' l-imsemmija multa

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Compagnie maritime belge SA għandha tbat i żewġ terzi ta' l-ispejjeż ta' tagħha u żewġ terzi ta' l-ispejjeż tal-Kummissjoni u din ta' l-aħħar għandha tbat i terz ta' l-ispejjeż ta' tagħha u terz ta' l-ispejjeż ta' Compagnie maritime belge.

<sup>(1)</sup> ĠU C 262, 23.10.2004.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-9 ta' Lulju 2008 — Trubowest Handel u Makarov vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni**

(Kawża T-429/04) <sup>(1)</sup>

*(Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Taxxi kontra d-dumping — Regolament kontra d-dumping — Spejjeż ta' avukat sostnuti fuq livell nazzjonali — Inammissibbiltà — Danni materjali u dannu morali — Ness ta' kawżalità)*

(2008/C 209/74)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Trubowest Handel GmbH (Cologne, il-Ġermanja) u Viktor Makarov (Cologne) (rappreżentanti: K. Adamantopoulos u E. Petrissi, avukati)

*Konvenuti:* Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (rappreżentant: J.-P. Hix, aġent, assistit minn G. Berrisch, avukat) u Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: N. Khan u T. Scharf, aġenti)

**Suġġett**

Rikors għal danni skond l-Artikolu 288 KE intiż sabiex jiġi kkompensat id-dannu allegatament subit minħabba l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2320/97 tas-17 ta' Novembru 1997, li jimponi taxxi kontra d-dumping fuq importazzjonijiet ta' ċertu pajpijiet seamless u tubi tal-ħadid jew non-alloy steel li joriġinaw mill-Ungerija, il-Polonja, ir-Russja, ir-Repubblika Ĉekka, ir-Rumanija u r-Repubblika Slovakka, li jhas-sar Regolament (KEE) Nru 1189/93 u li jtemm il-proċeduri dwar dawn l-importazzjonijiet li joriġinaw fir-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 322, p. 1).

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Trubowest Handel GmbH u Victor Makarov huma kkundannati jbatu, minbarra l-ispejjeż ta' tagħhom, dawk sostnuti mill-Kunsill u mill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU C 31, 5.2.2005.